# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2021**

**Rik. Gur. Nru: 270/2018/ JPG**

**Kawza Numru : 24**

**JC**

**Vs**

**U b'digriet tat-28 ta' Mejju 2019 gew nominati Dr Simon Micallef Stafrace u PL Katrina Zammit Cuomo bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti TC.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JC datat 18 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet, JC u TC izzewgu nhar is-sitta u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (26/10/2001) gewwa r-Registru taz-Zwieg gewwa Valletta, kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma tnisslu ebda tfal;*

3. *Illi z-zwieg bejn il-partijiet spicca minhabba li l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali u qabdet u telqet minn Malta u qatt ma giet lura u ghalhekk hija hatja li abandunat li zewgha;*

4. *Illi l-partijiet m'ghandhom ebda assi flimkien u ghalhekk m'hemm l-ebda problema sabiex tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti;*

5. *Illi r-rikorrenti ilu ma jkollu kuntatt mal-intimata ghal diversi snin u ma jafx fejn tirrisjedi u fejn tinsab.*

6. *Illi l-esponenti gie awtorizzat illi jintavola dawn il-proceduri permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datata 10 ta' Ottubru 2018 li jinsab anness u mmarkat bhala Dok B;*

*Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob sabiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-konjugi minhabba li l-intimata abandunat lil zewgha;*
2. *Tiddikjara li l-intimata iddekadiet minn kull jedd ghall-manteniment taghha skond il-ligi;*
3. *Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'dan illi kull parti zzomm dak li huwa taghha stante li m'hemm ebda assi li jippartjenu lil komunjoni tal-akkwisti;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat l-affidavits bil-gurament;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza *in parte* taghha moghtija nhar id- 9 ta' Gunju 2021 li permezz taghha laqghet it-talba tal-attur u ordnat li mat-talba ghas-separazzjoni issir ukoll talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodici Civili.

Rat in-Nota tal-Kuraturi Deputati datata 14 ta' Lulju 2021, a fol 63, li permezz taghha

ddikjaraw li ma kellhom ebda provi x'jipprocudu u li l-intimata qatt ma ghamlet kuntatt maghhom;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur JC xehed in ezami nhar id- 29 t'Ottubru** 2020 (vide fol 39A et seq) fejn ikkonferma l-kontenut tal-affidavit tieghu.

In **kontro-ezami** mistoqsi jekk tul dawn l-ahhar hames snin kellux kuntatt ma' martu, l-attur iwiegeb fin-negattiv. Izied illi baghatilha diversi messaggi wara li kienet giet Malta l-ahhar u cioe fl-2015, u minkejja li qrat il-messaggi tramite Facebook qatt ma baghtet risposta. Mistoqsi jekk ghandux idea ta' fejn qieghda, iwiegeb fin-negattiv. Isostni li ma jafx jekk ohtha ghadhiex hawn Malta o meno. Jirrileva illi kull ma kellu huwa kien kuntatt tramite facebook u li ghalkemm qabel kien jibghatilha hemmhekk, issa ilhu snin ma jibghatilix ghaliex hi qatt ma tirrispondi. Jishaq illi kien avzaha li ser jibda l-proceduri.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm argumenti jew glied fir-relazzjoni, l-attur jikkonferma li qatt ma kien hemm glied bejniethom u li r-relazzjoni kienet ghaddejja normali. Jispjega illi meta kien skonta sentenza fuq multa ta' hamsin Lira Maltin, fejn kien wehel ghaxart (10) ijiem habs, x'hin mar lura d-dar ma sab xejn, la lilha u lanqas ic-cwievet tal-post. Hi kienet telqet mir-residenza li kienu jikru. Jikkonferma illi hadd mill-kontendenti ma kellu karozza u lanqas flus imgemma' anke peress li hu spicca diversi drabi l-habs. Mistoqsi jekk jafx jekk martu kellhiex kont bankarju jishaq illi m'ghandux idea dwar dan. Jikkonferma ukoll illi huma qatt ma kellhom propjeta' immobbli.

**Fl-affidavit tieghu a fol 40 et seq tal-process** l-attur jixhed illi huwa iltaqgha mal-intimata fis-sena 2000 il-pjazza ta' Bugibba meta hu kien ma habib tieghu certu Jean Paul Mamo. Jispjega illi wara tlett xhur marru jghixu flimkien f'apartament Bugibba, liema appartament nkera minnhom it-tnejn. F'Jannar tas-sena 2001 izzewgu izda wara ftit xhur, l-attur jispjega illi kien wehel ghaxart ijiem habs ghaliex ma kienx hallas multa ta' hamsin (50) Lira Maltin. Illi sussegwentement kellu iktar kawzi u wehel iktar zmien il-habs. Jispjega illi sakemm kien il-habs ma kellux kuntatt mal-intimata. Jishaq illi meta hareg mill-habs u mar lura fir-residenza matrimonjali, sar jaf illi kienet rritornat c-cwievet lura lis-sid u la kien jaf kinitx ghadha Malta u lanqas fejn kienu l-affarijiet tieghu. Izied illi mar ifittex lil ohtha li dak iz-

zmien kienet tghix Malta, fejn kelmitu mill-gallarija u qaltlu li ma kienitx taf fejn kienet ohtha.

Jirrileva illi tilef kull kuntatt mal-intimata sas-sena elfejn u hmistax (2015) meta ghamlet kuntatt mieghu mill-facebook. Illi kienet qaltlu li kienet gejja Malta ghaliex kellha bzonn tapplika ghall-karta tal-identita' Maltija u kienet tehtieg xi dokumenti. Jispjega illi kienu iltaqghu Evans Building u dahlu f'xi ufficju u kellha xi dokumenti nieqsin u kellhom jergghu imorru. Illi kien rega iltaqgha maghha xi gimgha wara u talbuha xi karti ohra u kellha tmur lura l-Italja u terga tirritorna. Izied illi dak iz-zmien huwa kien f'relazzjoni ma' persuna ohra u anke kellu t-tfal, u ma kellu l-ebda intenzjoni li jerga' jirranga maghha. Minn naha taghha l-intimata ma uriet ebda xewqa li tirrikoncilja mieghu. Illi sussegwentement baqa ma semgha xejn minghandha u rega pprova jaghmel kuntatt maghha tramite facebook izda qatt ma wegbitu. Jixhed illi ghadha sal-lum ma wegbitux ghalkemm huwa infurmaha illi beda proceduri ta' separazzjoni. Izied illi jaf li qrat il-messaggi tieghu imma qatt ma wiegbet u li issa ilu bla kuntatt minn maghha ghal aktar minn hames snin.

**Is-supretendent Louise Calleja xehdet in ezami nhar is- 27 ta'Jannar 2021 *(vide fol 44 A et seq)*** spjegat illi m'ghandhomx records tal-movements tal-intimata assenti ghal dawn l-ahhar hames (5) snin ghaliex minhabba d-data protection, r-records taghha imorru lura ghal aktar minn hames snin. Tirrileva ukoll illi r-records taghhom huma limitati ghal dawk il-movimenti barra iz-zona *Schengen*, b'dana illi jekk persuna siefret lejn l-Italja jew Franza, ma jkunx hemm records taghhom minhabba l-*freedom of movement.* Tishaq illi gialadarba l-intimata ghandha karta tal-identita Maltija, l-Identity Malta tkun tista taghti informazzjoni fuq jekk sarx tigdid tal-istess jew le.

**Philip Azzopardi, co-ordinator Identity Malta xehed in ezami nhar id- 9 ta' Gunju 2021 (vide fol )** xehed illi skond l-istatus li ghandhom fis-sistema tal-Identity Malta, il-konvenuta jonqosha il-final approval u ilha hekk mill-24 ta' Settembru 2014. Ghalhekk l-applikazzjoni taghha ghadha pendenti. Xehed li sar l-interview imma l-intimata ma regghetx rritornat. Jispjega illi mill-informazzjoni li ghandhom ma jidhirx li l-intimata ppruvat taghmel kuntatt maghhom lanqas tramite terzi persuni. Izied illi l-applikazzjoni tibqa' pending final approval sakemm il-persuna ma tergax taghmel kuntatt mal-Agenzija. Jispjega illi mis-sistema huma ma jkunux jistghu jghidu jekk il-persuna hiex Malta o meno, u jried isir kuntatt mal-Pulizija f'dan r-rigward.

**Illi l-attur pprezenta affidavit ulterjuri nhar l-14 ta' Lulju 2021 (vide fol 65)** fejn filwaqt li kkonferma dak rilevat minnu fl-ewwel affidavit tieghu, jikkonferma illi wara l-ahhar appuntament li kellhom Evans Building, qatt ma rega kellu kuntatt mal-intimata u qatt ma rega ra iktar. Jirrileva illi qatt ma kien hemm possibilita ta' rikonciljazzjoni u ma hemm ebda ftehim ta' manteniment la dovut lilha u lanqas lilu. Jiddikjara illi fil-fatt kienet l-intimata li abbandunatu.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat tal-artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif segwenti:

> ***... jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:***
>
> ***Iżda ma tistax tintalab firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment qabel ma jgħaddu erba' snin mid-data taż-żwieġ,u iżda wkoll, il-qorti tista' tiddikjara l-firda għal dik ir-raġuni minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni.***

Rat ukoll l-artikolu 48 u l-artikolu 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta:

> ***48.(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***
>
> ***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u827;***
> ***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
> ***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta'***

*dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekkakkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu(ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*

*51.Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

Il-Qorti rat ukoll l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

*66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Permezz ta' rikors datat 5 ta' Frar 2020 *a fol 47 et seq*, ir-rikorrenti pprevalixxa ruhu mill-kawza ta'separazzjoni odjerna sabiex jitlob ukoll il-hall taz-zwieg. Din il-Qorti permezz tas-sentenza *in parte* taghha moghtija nhar id-9 ta' Gunju 2021 *a fol 57 et seq* laqghet it-talba tal-attur u ordnat li mat-talba ghas-separazzjoni issir ukoll talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodici Civili.

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Jannar 2001 fir-Registru Pubbliku ta'Malta u z-zwieg taghhom huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni 70/2001 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 3*. Il-Qorti tosserva illi l-ebda provi ma gew prodotti mill-konvenuta peress illi il-kuraturi deputati ma rrnexxilhomx jintraccawha u b'hekk kien impossibbli ghalihom li jikkomunikaw maghha u jressqu xi provi.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur, jirrizulta illi minkejja li gie kontrattat zwieg bejn il-partijiet, il-partijiet ghexu hajja konjugali brevi ghall-ahhar, u dana stante li kif xehed l-attur, huwa kien dahal il-Facilita' Korettiva sabiex jiskonta piena karcerarja ftit wara z-zwieg. Illi meta sussegwentement hareg mill-habs, sab li l-konvenuta kienet telqet mir-residenza fejn kienu jabitaw u rritornat c-cwievet lil sid-il kera. Xehed ukoll illi sakemm kien qieghed jiskonta l-piena tieghu, qatt ma kien hemm kuntatt bejnu u martu. Jispjega ukoll illi l-ahhar kuntatt li kellu mal-konvenuta kien tramite facebook meta talbitu jattendi xi appuntamenti Evans Building minhabba l-karta tal-identita taghha. Illi pero', minn dak iz-zmien l'hawn, l-attur xehed illi ma regax kellu kuntatt maghha. Illi filfatt mix-xhieda ta' Philip Azzopardi effettivament jirrizulta li l-intimata kienet attendiet ghall-appunament kif xehed l-istess attur izda ma kienitx marret ghall-follow up u filfatt l-applikazzjoni taghha ghadha *pending final approval*.

Illi llum il-gurnata l-attur qieghed f'relazzjoni stabbli ma' terza persuna ma' min ghandu t-tfal, u rrinunzja ghal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut minghand l-intimata.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija moralment konvinta li jezistu r-rekwiziti necessarji sabiex din il-Qorti tippronunzja s-separzzjoni personali bejn il-partijiet. Jirrizulta ukoll li jikkonkorru r-rekwiziti indikati fl-artikolu 66B tal-Kap 16 sabiex jigi ordnat il-hall taz-zwieg tal-kontendenti.

*Komunjoni tal-Akkwisti:*

Il-Qorti rat ukoll illi mill-provi in atti jirrizulta ghalkemm il-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet, ma hemm l-ebda assi in komunjoni u li l-partijiet ma ghandhom l-ebda pretensjonijiet f'dan ir-rigward fil-konfront ta' xulxin. Di piu' l-attur irrinunzja ghal kwalsiasi dritt ta' manteniment minghand il-konvenuta. Il-Qorti tqis illi bl-abbandun taghha, l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ta' manteniment kontra zewgha kif ukoll kwalunkwe dritt naxxenti mill-istitut taz-zwieg. Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi kwalunkwe facilitajiet bankarji mehuda mill-partijiet qabel iz-zwieg ghandhom ikunu a karigu assolut ta' dik il-parti li tkun hadithom, filwaqt li l-kontijiet bankarji, vetturi u assi mobbli ohra tal-kontendenti ghandhom jibqghu jippartjenu lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati.

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi**:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser minhabba l-abbandun da parti tal-intimata;**

2. **Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara illi l-intimata ddekadiet minn kull dritt li titlob manteniment minghand l-attur;**

3. **Tilqa' it-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna illi kwalunkwe bank account, vettura jew assi ohra tal-kontendenti jibqghu jappartjenu lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati.**

4. **Tordna l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 66A (4)**

**tal-Kapitolu 16 javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi zmien moghti mill-Ligi, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni 70/2001. Tordna n-notifika ta' dan lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur ai termini tal-ligi;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**